Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-2 ta' April, 2013

Numru. 298/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**CIPRIAN DUMINICA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ciprian Duminica, detentur tal-Karta tal-Identita` Rumena numru GL 393799.

**Akkuzat talli:**



Qrati tal-Gustizzja

B’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-2 ta` Marzu 2013, bejn in-nofs siegha u s-siegha u kwart ta` filghodu (00:30hrs – 01:15hrs) minn San Giljan u/jew mill-vicinanzi, ikkommetta serq ta` mobile phone ta` l-ghamla Samsung Duo li jiswa mija u tmenin ewro (€180), liema serq huwa aggravat bil-‘hin’ ghad-dannu ta` Juanita Arnaud;

Akkuzat aktar talli f’dawn il-Gzejjer fil-31 ta` Marzu 2013, bejn is-saghtejn u t-tlieta ta` filghodu (02:00hrs – 03:00hrs) minn San Giljan u/jew mill-vicinanzi, ikkommetta serq ta` mobile phone ta` l-ghamla Samsung illi jiswa mitt ewro (€100), liema serq huwa aggravate bil-‘hin’ ghad-dannu ta` Leire Casado Anta;

Akkuzat aktar talli f’dawn il-Gzejjer fil-31 ta` Marzu 2013, bejn l-erbgha u nofs ta filghodu (04:20hrs – 04:30hrs) minn San Giljan u/jew mill-vicinanzi, ikkommetta serq ta` mobile phone ta` l-ghamla Blackberry li jiswa mitejn u hamsin ewro (€250), kartiera li tiswa ghoxrin ewro (€20), tmenin ewro (€80) fi flus kontanti u xi dokumenti personali liema serq huwa aggravat bil-‘valur’ (aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu, €232.94, pero anqas minn elfejn u tlett mija  u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu, €2, 329.37) u bil-‘hin’ ghad-dannu ta` Renee Mizzi;

Akkuzat aktar talli f’dawn l-ahhar xahrejn f’Malta xjentament laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur ghamel uzu minn vettura bil-mutur ta l-ghamla Mazda 323 F b'numru ta` registrazzjoni FAP 423 meta l-istess vettura ma kienetx licenzjata biex tintuza fit-triq.

Il-Qorti;

Wara li rat l-Artikoli 18, 261 (c) (f), 267, 270, 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll Artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li semghet il-partijiet u wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi r-rifortiva kwazi kollha giet irritornata lis-sidien;

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat;

U wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi ilu jahdem minn kemm ilu hawn Malta;

Dina l-Qorti qiedgha, a terminu tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ta` tmintax (18) il-xahar izda tordna li dan it-terminu ma jibdiex isehh sakemm l-imputat ma jigix misjub hati ta`reat iehor li ghalih hemm terminu ta` prigunerija ghal sentejn (2) u tikkundannah ukoll multa ta` sebghin ewro (€70) fil-konfront tal-ahhar imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------